MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 63/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Axisa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Axisa talli fid-19 ta’ April 2006 ghal-habta tas-7.55 a.m. fi Triq Antonio Sciortino/Triq ix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, Msida:

(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JET-080 b’manjiera perikoluza;

(2) Saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi David Axisa hati ta’ l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tpoggi lill-appellat fil-pozizzjoni li kien qabel ma nghatat din is-sentenza li minnha gie interpost dan l-appell u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti sabiex dan il-kaz jerga’ jinstema’ u jkun deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kolha tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti lliberat peress illi naqset li tisma’ x-xiehda ta’ Anton Miceli li huwa xhud principali kontra l-appellat bhalma jixhed id-dokument esibit a fol. 8 tal-process, u ghalhekk tali Anton Miceli huwa xhud mhux biss indispensabbli izda principali. L-appellant jghid ukoll illi, kuntrarjament ghal dak asserit mill-ewwel Qorti, dan ix-xhud gie debitament imharrek kif jirrizulta mir-riferta pozittiva a fol. 7 tal-process. Minkejja dan, l-ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ordnat li dan ix-xhud jingieb quddiemha okkorrendo b’mandat ta’ akkompanjament jew addirittura t’arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jippernja fuq dak ix-xhud u liema xhud il-prosekuzzjoni ma kinitx irrinunzjat ghalih (ara **Il-Pulizija v. Jason Louis Paul Decelis**, Qorti ta’ l-Appell Kriminali, 25 ta’ Jannar 2007).

Minn dan jidher car illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita` tal-procediment quddiem l-ewwel Qorti u ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Mill-verbal

tas-seduta tas-7 ta’ Frar 2007 quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta illi x-xhud Anton Miceli ma deherx u giet prezentata r-riferta tieghu. Minnha jirrizulta illi t-tahrika thalliet ma’ certa Lillian Dockerty ID 23451(M) fid-29 ta’ Jannar 2007. Dan ifisser li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, notifika saret. Fil-fatt, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat ghax qalet li l-prosekuzzjoni “naqset milli tipproduci x-xhud taghha Anton Miceli. Dan ma giex debitament imharrek, kif jidher mir-riferta esebita fl-atti”.

Din il-Qorti diversament presjeduta, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Heraghty** moghtija fit-28 ta’ Settembru 2006 qalet testwalment hekk dwar sitwazzjonijiet simili[1]:

**“Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kazi *‘Il-Pulizija vs. Clive Debono’* [14.9.2004], *‘Il-Pulizija vs. Anne Montfort’* [30.9.2004], u *‘Il-Pulizija vs. Kevin Debono’* [1.6.2006] kellha okkazjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghal dan it-tip t’incident u ccitat b’approvazzjoni s-sentenzi ta’ din il-Qorti diversament preseduta: *‘Il-Pulizija vs. Mario Saliba’* [15.10.1982], *‘Il-Pulizija vs. Mario Magri’* [28.5.1993], *‘Il-Pulizija vs. Francis Callus’* [30.9.1993], *‘Il-Pulizija vs. Anthony Zarb’* [22.10.1993], *‘Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et’* [3.12.1993] u *‘Il-Pulizija vs. Francis Borg’* [10.12.1993].**

**Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali *‘Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri’* [5.1.1996] li, ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u <u>sakemm il-partijiet ma jirrinuzjawx ghalih</u> (enfasi ta’ din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-**

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Maximilian Ciantar** u **Il-Pulizija v. Charmaine Fenech** decizi fis-16 ta’ Frar 2007.

**Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9 (App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia* [25.7.1994] u ohrajn).**

**'Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe` l-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara App. Krim. *Il-Pulizija vs Pierre Schembri* [8.1.1996] u ohrajn).'"**

F'dan il-kaz jirrizulta li r-riferta thalliet f'idejn certa Lillian Docherty bil-karta ta' l-identita` numru 23451(M) fid-29 ta' Jannar 2007. Salv prova kontrarja, din ghandha titqies bhala riferta pozittiva dwar ix-xhud Anton Miceli, li gie indikat bhala xhud sahansitra *in calce* tal-komparixxi, u li mid-dokument a fol. 9 jidher illi kien ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni. L-ewwel Qorti, pero`, ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u ordnat li dan ix-xhud jingieb quddiemha okkorrendo b'mandat ta' akkumpanjament jew addirittura t'arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, specjalment ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jippernja fuq ix-xiehda ta' l-imsemmi Anton Miceli. Ghalkemm ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni vverbalizzat li kienet qed tinsisti ghall-produzzjoni ta' l-imsemmi xhud, l-anqas ma jirrizulta illi hija kienet qed tirrinunzja ghalih. Il-fatt li l-prosekuzzjoni esebiet ir-riferta ghandha anzi tigi mifhuma bhala talba sabiex il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni, aktar u aktar meta mill-istess riferta esebita jirrizulta li saru bosta tentattivi mill-prosekuzzjoni sabiex jigi notifikat l-imsemmi xhud.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci lill-imsemmi Anton Miceli li ma giex imharrek kif jidher mir-riferta msemmija. Anke kieku kellu jitqies, ghall-grazzja ta' l-argument biss, li r-riferta kienet wahda negattiva, is-semplici fatt li l-prosekuzzjoni ghamlet bosta tentattivi sabiex tinnotifika lill-imsemmi xhud izda minghajr success kellu jkun bizzejjed biex jinghata

differiment sabiex il-prosekuzzjoni tkompli bit-tentattivi taghha.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9, li proprju jaghti dritt ta’ appell lill-Avukat Generali f’kazijiet analogi.

Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta’ frustrazzjoni li jista’ jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta’ xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista’ twettaq il-programm ta’ xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u, biex ma ccahhadx lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti biex il-kaz jerga’ jinstema’ u jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------